# IL-GAZZETTA TAL-GVERN

# 1813-1840

(MINN ĠUŻÈ GATT)

*(Ara Għadd 49 paġ. 7)*

Flok Barzoni, bħala Editur tal-Gazzetta, ġie maħtur Gustav Adolph Braccini. Lil dan tawh ukoll daqs dak il-ħlas li fix-xahar kellu Barzoni.

Minn isem l-Editur il-ġdid tal-Gazzetta, jidher, li dan ma kienx Malti, iżda ta' ġens barrani bħalma kien Barzoni. X'kienet il-biċċa li l-Gvern reġa' għażel wieħed barrani b'Editur tal-Gazzetta bit-taljan li kellu, ma sibniex.

Il-Gazzetta tal-Gvern, bħalma għedna, kienet toħroġ bit-taljan biss. Iżda f'din il-ħajja ma damitx żmien twil wisq. Ftit wara li għalqet is-sentejn li kienet ilha toħroġ, bdew ukoll jidhru fiha xi ħwejjeġ żgħar bl-ingliż. Fil-għadd 107, għadd li ħareġ fil-15 ta' Novembru 1815, dehret Notifikazzjoni bl-ingliż, kif ukoll bit-taljan, dwar il-ħatra ta' xi nies li ġew imqabbda biex jaħdmu mal-Gvern. Barra minn hekk, beda jidher ukoll, bl-ingliż, taħbir li bih jiġi mgħarraf meta kellu jkun hemm xi *Levee* fil-Palazz. Iżda dan il-għamla ta' tagħrif bl-ingliż li semmejna, ma kienx jidher ta' sikwit fil-Gazzetta, imma xi darba fil-bogħod biss.

* * *

Gustav Adolph Braccini ma saddadx wisq bħala Editur mal-Gvern. F'Marzu tal-1816 telaq minn rajh mix-xogħol li kellu. Ta' dawn l-aħħar tliet xhur tawh £47.

Fiż-żmien li Braċċini kien għadu Editur tal-Gazzetta, insibu, li l-ħlas tal-ħaddiema fl-Istamperija żdied, billi, fl-1 ta' Jannar 1816, kien imqassam kif sa ngħidu. L-Istampatur kellu 780 skud fis-sena. Il-15 il-Kompożitur u Turkolier li kien hemm, bejniethom kellhom 8880 skud fis-sena. Dawn kienu mħallsa minn 660 skud sa 480 il-wieħed. Iżda r-Reviżur ta' l-istampa u dak li kien iqassam il-Gazzetta, it-tnejn baqgħu bit-360 skud fis-sena li kellhom, bla ma żdiedu xejn.

Wara t-tluq ta' Braccini, biex wieħed jieħu ħsieb tal-Gazzetta, bħala Mexxej tagħha, ġie magħżul Sir Vincent Casolani. Għal dan ix-xogħol Casolani daħal f'April tal-1816.

B'din il-ħatra, Casolani ġie qiegħed jagħmel żewġ xogħlijiet mal-Gvern: Kaxxier fit-Teżorerija u Editur tal-Gazzetta. Bħala Kaxxier kellu £343 fis-sena u bħala Editur £103 biss.

Bil-ħlas li Casolani beda jieħu, il-Gvern ġie faddal 1000 skud fis-sena minn-nefqa għall-Gazzetta. U dan sar, għax il-ħlas ta' 2200 skud li kellhom l-Editur ta' qabel, ġie mnaqqas f'1200 skud li taw lil Casolani.

Mat-tfaddil li sar mill-ħlas ta' l-Editur, tfaddlu 120 skud oħra, billi l-ħlas ta' wieħed mill-kompożituri, minn 600 sar 480. Iżda, dan it-tibdil fil-ħlas, ma nafux jekk sarx lil xi wieħed mill-kompożituri l-qodma li kien hemm, inkella ġie mogħti lil xi wieħed ġdid li daħal flok xi ieħor li miet jew spiċċa mix-xogħol.

Mal-għażla ta' Casolani, barra milli l-Gvern mar mhux ħażin, bit-tfaddil li semmejna, il-qarrej tal-Gazzetta ħabat tajjeb ukoll, għax it-tagħrif fiha kotor u żdied. Bil-għadd 128, għadd li ħareġ fil-10 ta' April 1816, bdiet iġġib id-dħul u l-ħruġ ta' dawk il-bastimenti li jiġu u jmorru bil-merkanzija. Dan it-tagħrif, qabel ma beda jidher fil-Gazzetta, kien joħroġ għalih. Iżda, dak li ħa ħsieb it-tmexxija tagħha, deherlu li hu iżjed xieraq u ta' aktar ħtieġa li l-ħruġ u d-dħul ta' dawn il-bastimenti jinġiebu fil-Gazzetta. B'riħet hekk, in-neguzjanti kienu jiġu moqdija iżjed u aħjar. Bil-għadd 128 li semmejna, bdiet tħabbar ukoll dawk il-bastimenti li ġew, jew marru, bil-posta. Barra minn hekk, kabbret id-daqs tagħha ftit iżjed milli kienet toħroġ qabel. Din iż-żieda fil-kobor, saret sew fit-tul kemm ukoll fil-wisgħa. U biex bħalkieku turi li taħt Casolani sa tibda ħajja oħra ġdida, biddlet ukoll il-għamla tat-tipi ta' isimha, billi ħarġet b'oħrajn li ma kinux jaqblu ma' dawk li qabel kienet tidher bihom.

Dan it-tibdil, il quddiem għamlitu drabijiet oħra wkoll. B'dan kollu, mhux dejjem biddlitu f'oħrajn ġodda. Xi daqqiet ġie li ħarġet b'għamla ta' tipi li qabel kienet dehret drabijiet oħra bihom ukoll.

Bil-waqgħa tal-Gazzetta taħt il-ħsieb ta' Casolani, meta din kienet toħroġ b'aktar minn erba' paġni, bdiet tinbiegħ orħos minn qabel. Fi żmien Barzoni u Braccini, meta l-Gazzetta kienet tidher b'xi żjieda magħha,il-ħlas tagħha kien jiżdied biss għal dawk li mdorrijin jixtruha bil-waħda. Jekk kienet toħroġ b'żewġ paġni żjieda, u dawn ikunu mimlija t-tnejn, kienet tinbiegħ 3 rbgħajja kull għadd;iżda jekk waħda mill-paġni tkun mimlija u l-oħra battala, kienet tiswa rbgħajjen u nofs biss.

Mela l-Gazzetta, taħt Barzoni u Braccini, kienet meqjusha li kellha ġġib irbigħi għal kull żewġ paġni qari. Ara kemm hu hekk. Meta fit-12 ta' Awissu 1815 ħarġet bi tmien paġni, dan il-għadd kien jiswa 4 rbagħajja. Iżda mhux hekk fi żmien Casolani. Għalkemm il-Gazzetta xi drabi ġie li ħarġet b'ħamsa jew b'sitt paġni qari, baqgħet tinbiegħ xorta waħda bħal meta kienet tidher b'erbgħa. Ukoll meta fil-5 ta' Ġunju 1816 ħarġet bi

tmien paġni, din ma nbigħetx b'4 rbgħajja, bħal ma kienet tinxtara fi żmien l-Edituri ta' qabel, iżda nbigħet bi 3 rbgħajja biss.

Meta l-Gazzetta kienet għoddha waslet biex tagħlaq it-tliet snin tal-ħajja tagħha, Maitland siefer minn hawn. Mar jagħmel żjara lill-Gżejjer Jonji, billi tagħhom ukoll kien laħaq Gvernatur. Hawn Malta, bħala Logutenent Gvernatur tagħna, kien baqa' l-Maġġur Ġeneral Layard. Dan deherlu, li mhux sewwa li l-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta tibqa' ta' ħtieġa biss għal dawk il-Maltin u l-barranin ta' dawn il-Gżejjer li jafu bit-taljan. Layard ried li l-Gazzetta tgħaddi 'l quddiem iżjed, billi ssir ukoll ta' ħtieġa għall-Ingliżi u għal dawk il-Maltin li kienu jafu bl-ingliż. U biex Layard jasal fil-ħsieb tiegħu, li jwettaq ix-xewqa kbira li kellu, ġiegħel li l-Gazzetta tibda toħroġ f'naħa bl-ingliż u l-banda l-oħra tal-ġenb iġġib it-tifsir ta' dan bit-taljan. Hekk sar. U l-ewwel għadd tal-Gazzetta li ħareġ biż-żewġ ilsna li semmejna, kien il-145, għadd li ħareġ fis-7 ta' Awissu 1816.

Biex dak li kellu t-tmexxija tagħha f'idejh, jirnexxilu li jasal fil-ħsieb li għalih il-Gazzetta ħarġet b'żewġ ilsna, wiegħed li sa jidħol għal dan ix-xogħol b'dehnu kollu. Dan qal li, bħal ma jaf kulħadd, Malta, bħala gżira, tinsab għaliha u maqtugħa minn kullimkien. B'dan kollu, bi ħsiebu jagħmel ħiltu kollha li jħabrek u jfittex biex, lill-qarrejja tiegħu, jagħtihom ġabra ta' aħbarijiet mill-aktar ġodda u mill-iżjed meħtieġa dwar Pulitka (ta' Barra), Kummerċ u Letteratura. U dan kellu jagħmlu f'kull ħarġa tal-Gazzetta. Iżda, fuq kollox, il-ħsieb tiegħu kien, li jġib dik il-kitba li biha wieħed jista' jieħu l-aktar ħjiel sewwa tal-Kobor, tal-Għana u tal-Kostituzzjoni tas-Saltna Ingliża, ta' dik is-Saltna li dawn il-Gżejjer b'xorti kbira jagħmlu sehem minnha.

Fiż-żmien li qegħdin insemmu (1816) ma kienux ilhom wisq li spiċċaw dawk il-gwerer twal ta' Napuljun. Il-Gazzetti kollha kienu mimlijin bl-aħbarijiet fuqhom, billi kulħadd kien bl-akbar ħerqa u l-iżjed ħrara xewqan li ikun jaf x'inhu jsir. F'din il-biċċa n-nies kienet drat, billi t-taqbid dam is-snin il-kbar. Iżda meta l-gwerer waqfu, l-aħbarijiet naqsu, u mhux ftit. Fuq hekk, dak li f'idejh kellu t-tmexxija tal-Gazzetta, ħareġ bil-pjan li fuq semmejna. Il-ħsieb ta' dan kien, li jirnexxilu juri, li, mqar bla ħafna tagħrif dwar ġlied bejn il-ġnus, tixrid ta' demm, waqgħat ta' saltniet u twaqqif ta' oħrajn—ħrieb li l-ħanin Alla għoġbu jagħti t-tmiem tagħhom—wieħed jista' jasal ukoll biex jagħmel Folju li jkun jingħoġob ħafna, billi jkun mimli kollu tagħlim u ħwejjeġ oħra ta' ħtieġa li jkunu jgħoddu għal kulħadd.

Maż-żjieda ta' l-ilsien ingliż, il-Gazzetta telqet l-isem bit-taljan li kellha u bdiet iġġibu bl-ingliż. Għalhekk, minn *Gazzetta del Governo di Malta* saret *Malta Government Gazette*, kif hekk għadha toħroġ b'dan l-isem sal-lum. U fejn qabel kienet

iġġib bit-taljan li dawk in-Notifikazzjonijiet, Tagħrif, eċċ. li joħorġu taħt l-isem ta' dawk li jagħmlu sehem mill-Ħakma tal-Gżira, kulħadd kellu jmejjel rasu għalihom, issa bdiet iġġibu bl-ingliż biss, hekk: *"All Public Acts inserted in this Gazette, are Official, and are to be obeyed as such"*.

Mad-daħla ta' l-ingliż fil-Gazzetta, din żiedet ukoll il-għadd tal-paġni tagħha, billi l-Gvern ħabbar li issa sa tibda toħroġ dejjem minn b'sitt paġni sa bi tmienja.

Iż-żjieda fil-paġni li ġie mħabbar, mhux biss li twettaq, ma għal bosta żmien il-Gvern ta aktar milli kien wiegħed. Minn Awissu tal-1816 sa erba' snin wara, ma ħareġ l-ebda għadd tal-Gazzetta li ma kienx fih tmien paġni. U terġa' dan, barra minn dawk id-drabi wkoll li ħarġet b'xi żjieda ta' paġna, tnejn jew tlieta oħra qari magħha.

Billi l-Gazzetta issa kibret, in-nefqa biex tkun stampata żdiedet bil-bosta aktar milli kienet qabel. B'dan kollu, il-Gvern ma riedx li bil-waħda tkun tinbiegħ iżjed minn irbgħajjejn u nofs kull għadd. Ukoll l-imseħbin ma ġewx magħfusa biż-żjieda fil-ħlas li saritilhom. Fejn qabel kienu jħallsu 6 skudi u 8 rbgħajja fis-sena, issa bdew iħallsu 8 skudi u 4 rbgħajja. Terġa, dan il-ħlas, wieħed kien jista' jqassmu f'dabtejn, billi jħallas in-nofs tiegħu kull sitt xhur.

Għedna li l-Gazzetta bdiet toħroġ b'żewġ ilsna. Iżda mhux kullma kien jidher fiha b'ilsien, kien ikun hemm ukoll it-tifsir tiegħu bl-ilsien l-ieħor. Dwar id-dħul u l-ħruġ tal-bastimenti merkantili u ta' dawk il-Pakketti li kienu jġibu l-posta mill-Ingilterra, jew jeħduha minn hawn għall-hemm, dawn baqgħu jidhru bit-taljan biss bħal qabel. L-avviżi bdew jinġiebu b'lie-ma lsien kien irid dak li jħallas għalihom. Terġa', dawk li kienu jridu jġibu l-avviżi b'żewġ ilsna, kienu jridu jħallsuhom bħala żewġ avviżi.

L-avviżi fil-Gazzetta kienu jitħallsu hekk:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ta' inqas minn 8 versi | 1 skud | u 6 | rbgħajja |
| Minn 8 sa 21 vers | 3 ,, | 0 | ,, |
| ,, 21 ,, 31 ,, | 7 ,, | 6 | ,, |
| ,, 31 ,, 41 ,, | 12 ,, | 0 | ,, |
| Aktar minn 41 vers | 15 ,, | 0 | ,, |

Kull min kien irid iġib xi avviż, l-ewwel kellu jibagħtu fl-Istamperija tal-Gvern; imbagħad iħallsu tnax il-siegħa qabel ma toħroġ il-Gazzetta, inkella ma kienu jġibulu xejn.

Mad-dehra ta' l-ingliż fil-Gazzetta, f'kull għadd bdiet iġġib li hi maħruġa u stampatha bl-ordni tal-Gvern. Barra minn hekk, ħabbret ukoll, li l-Gazzetta sa tibda tiġi mwassla sa f'dar l-imsieħbin. Għalhekk, min ried jissieħeb fiha, kellu jmur iniżżel ismu fit-Teżorerija tal-Gvern. Iżda min kien irid jixtri xi waħda setagħ jmur iħassilha minn Strada Rjali, għadd 248.

Fiż-żmien li qegħdin insemmu (1816), it-Teżorerija tal-Gvern ma kienitx fil-Palazz, bħalma hi l-lum, iżda kienet taħt il-bini tal-Każin Malti. Jerġa' dan il-bini ma kienx bħalma hu l-lum. Mill-bieb tal-Każin Malti sal-minkeb li jagħti għal Strada Tijatru, ma kienx hemm ħlief bieb ieħor. Dawk it-tliet bibien tal-ħwienet l-oħra li naraw il-lum, ma kienux hemm. Flokhom kien hemm twieki fil-għoli u bil-ħadid. Fl-ewwel bieb li wieħed kien jaqbad, meta minn Strada Tijatru jilwi għal Strada Rjali, kien hemm is-Segreterija u t-Teżorerija tal-Gvern, il-lum l-"Ascot House". Dan il-bieb kellu l-għadd 246. Il-bieb l-ieħor, il-lum tal-Każin Malti, kien iġib il-għadd 247. F'dan kien hemm l-Uffiċċju tal-Posta ta' dari. Ma' ġenb dan, kien hemm bieb bil-għadd 248, il-lum ħanut ta' Ġużè Said, li kien jinfed ukoll mal-Posta. Minn dan ta' l-aħħar, il-għadd 248, li wieħed kien jista' jsib jixtri l-Gazzetta bil-waħda, bħalma ġie mħabbar.

* * *

Mat-tagħrif li l-Gazzetta kienet żiedet fi żmien Casolani, bdiet tħabbar id-dħul u l-ħruġ tal-bastimenti tal-gwerra. Dan beda jsir mill-1817 il quddiem.

Meta l-Gazzetta bdiet toħroġ b'żewġ ilsna, konna għedna li bdiet iġġib ukoll bl-ingliż, flok bit-taljan, biex dawk in-Notifikazzjonijiet li jidhru fiha, kulħadd kellu joqgħod għalihom. Iżda maż-żmien, x'aktarx li l-Gvern deherlu li dak l-ordni, kif inhu miġjub, ma hux imfisser tajjeb biżżejjed fih in-nifsu. Għalhekk, biex jiftiehem iżjed sewwa ħalli ma jkun jista' jinqala' l-ebda tfixkil, żiedulu kliem ieħor miegħu, billi fil-Gazzetta beda jidher hekk : "All Public Acts appearing in this Gazette, signed by the proper Authority, are Official, and are to be obeyed as such". U l-ewwel għadd tal-Gazzetta li deher bl-ordni msewwi kif semmejna, kien il-186, għadd li ħareġ fil-21 ta' Mejju 1817.

Fiż-żmien li qegħdin insemmu, għalkemm il-Gazzetta kienet kibret u miexja bil-qlugħ miftuħ, dawk li kienu jaħdmu fl-Istamperija ltaqgħu ma' saram li għafashom mhux ftit, bħal ma sa nuru. Fl-1817, is-780 skud li fis-sena kellu l-Istampatur, nizzluhomlu f'600. U l-ħlas ta' 8880 li kellhom il-15 il-kompożitur u Torkolier tnaqqas u sar 8040.

B'dan in-nuqqas fil-ħlas, il-Gvern beda jfaddal 1020 skud fis-sena. Terġa, ma' dawn, il-Gvern reġa' rnexxielu jfaddal 300 skud oħra fis-sena, billi spiċċa wieħed mill-Kompożituri li kellu 480 skud, u floku daħħal ieħor ġdid b'180 skud biss.

*(Fadal)*